MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 756/1995/2

**Joseph Baldacchino**

**Vs**

**Lawrence sive Renzo Borg Grech ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Flair Design Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ppremetta illi:

Peress illi l-attur gie appaltat mis-socjeta` konvenuta skond kuntratt tas-16 ta' Marzu 1990 sabiex jaghmel xoghol ta' ghamara u apertura.

Peress illi is-socjeta` konvenuta naqset milli thallas lill-attur nomine dak dovut lilu skond ix-xoghol minnu esegwit u dan nonostante li dan gie interpellat diversi drabi.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida dak dovut lill-attur skond il-kuntratt ta' appalt tas-16 ta' Marzu 1990 u dan okkorrendo bin-nomina ta' perit nominandi.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma likwidata lill-attur.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut noe** a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u dan stante illi skond l-iskrittura tas-16 ta' Marzu 1990 ix-xogholijiet kellhom jitlestew sas-16 ta' Gunju 1990.

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghal premess ix-xogholjiet ma tlestewx kollha mill-attur u dawk li saru ma sarux skond is-sengha u l-arti minkejja dan ghax-xogholijiet li ghamel il-konvenut nomine hallas lill-attur ta' xogholu.

3. Barra minn hekk b'citazzjoni numru 1009/90am fl-ismijiet "Lawrence Borg Grech nomine vs Joseph Baldacchino" differita ghas-smigh fil-Qorti tal-Kummerc fejn il-konvenut nomine qed jitlob id-dikjarazzjoni li l-kuntratt ta' appalt gie xjolt u rexiss kif ukoll illi ghandha

tithallas multa ta’ Lm50 ghal nuqqas ta’ esekuzzjoni tax-xogholijiet oltre l-likwidazzjoni tad-danni sofferti inkluz it-telf ta’ profitt ghal non esekuzzjoni tal-kuntratt ta’ appalt.

4. Illi peress dawn iz-zewg kawzi huma konnessi ghandhom jinstemghu kontestwalment ghax il-provi huma l-istess.

5. Illi l-konvenut nomine m’ghandu jaghti xejn lill-attur imma huwa l-attur li huwa responsabbli ghall-hlas tal-multi, ghan-nuqqas ta’ esekuzzjoni tal-kuntratt ta’ appalt kif ukoll ghad-danni sofferti minhabba dewmien u telf ta’ profitt fin-nuqqas ta’ esekuzzjoni tal-kuntratt ta’ appalt.

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza 1009/90GV deciza llum.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-ezami tal-process ma jidhirx li l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni kienet f’xi stadju giet deciza ghalkemm fin-nota ta’ l-attur hemm referenza ghal fatt li kienet inghatat xi decizjoni. Il-Qorti ma sabet ebda decizjoni fuq il-preskrizzjoni u ghalhekk ser tghaddi biex tiddecidi dina l-eccezzjoni.

Illi fil-mori tal-kawza giet ezibita kopja ta’ ittra ufficjali li kienet intbaghtet mill-attur lill konvenut (ara fol. 22) f’Mejju 1994. Skond il-konvenut fl-eccezzjoni tieghu skond l-iskrittura tas-16 ta’ Marzu 1990 ix-xogholijiet kellhom jitlestew sas-16 ta’ Gunju 1990. Illi l-konvenut eccepixxa preskrizzjoni ta’ hames snin u l-kawza giet prezentata fil 2 ta’ Gunju 1995 ghalhekk jidher li t-terminu preskrittiv ma kienx ghadu ghadda billi kienet saret l-ittra ufficjali f’Mejju 1994.

Fil-mertu l-Qorti taghmel referenza ghall kawza fl-ismijiet inversi deciza llum stess Citaz Nru 1009/90GV fejn il-mertu tat-talba ta' l-attur odjern u l-eccezzjonijiet tal-konvenut gew trattati *funditus* u decizi u ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti qed taghmel referenza ghal provi prodotti f'din u dik il-kawza u konsiderazzjonijiet hemm maghmula u li ghandhom japplikaw ghal dina l-kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Li in vista ta' dak li gie deciz fil-kawza l-ohra imsemmija
Tastjeni mill tiehu aktar konjizzjoni ta' dina l-kawza
Spejjez ghall attur stante li dina l-kawza saret inutilment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------